## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-30 ta' Jannar, 2017

Appell Nru: 457/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**(Spettur James Grech)**

**vs**

**Francis Formosa**

**Omissis**

**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-imsemmija Francis Formosa detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 409470M, *omissis* u *omissis*;

1) Assocjaw ruhhom flimkien bil-ghan li jaghmlu delitt li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u cioe' delitt ta' serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-vjolenza numerika;

2) Ukoll talli fl- istess jum u cirkostanzi akkwistaw, kellhom fil- pussess taghhom ghal liema ghan ikun, zammew jew importaw sustanza irritanti li huma prjobiti (pepper spray);

Lil Francis Formosa u *Omissis* wahedhom talli:

3) Fl- istess jum u cirkostanzi, wara li kienu gew ikkundannati f' Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instabu fil-pussess ta' mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin, ghall-ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew instabu ghandhom forom ta' serraturi, minghajr ma taw kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandhom f' dak iz-zmien;

Lil *Omissis* wahdu talli:

4) Kiser il- kundizzjonijiet tal- liberta' provizorja imposta mill- Qorti, preseduta mill- Magistrat Dr S Meli LL.D fit- 22 ta' Ottubru 2012 f' dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill- arrest u dan taht depozitu ta' €5,000 u garanzija personali ta' €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill- istess Qorti;

Lil Francis Formosa wahdu:

5) Talli b' hekk ikkommetta delitt punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba'snin moghtija lilu mill- Magistrat Dr Audrey Demicoli LL.D nhar l- 4 ta' Dicembru 2008;

Illi l-Qorti kienet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi *Omissis* u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' €300 bhala depozitu u €5000 bhala garanzija personali

tghaddi favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba li titratta ma’ l-imputati Francis Formosa u *omissis* bhala recidivi ta’ diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba titratta mal-imputat omissis bhala recidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplati fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u sabiex tapplika mutatis mutandis id-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u sabiex f’kaz ta’ htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-30 ta' Ottubru, 2014, li biha wara li rat l-artikoli 48A, 49, 50, 289, 261(a) (b), 287 u 579(2) tal- Kap 9 u Art 3(a) tal- Kap 480 tal- Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imputati **Francis Formosa** u *omissis* hatja tal-akkuzi kontra taghhom, u kkundannathom ghall-piena ta’ sitt xhur prigunerija kull wiehed.

Fil-konfront ta’ **Francis Formosa**, ordnat d-dhul fis-sehh tas-sentenza sospiza datata 4 ta’ Dicembru 2008 fejn l-imputat kien wehel piena ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmija Francis Formosa u Ismail Haddewi, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-11 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti tilqa’ l-appell billi thassar u

tikkancella s-sentenza appellata u minflok tilliberahom minn kull htija u piena, jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi thassar dik il-parti li tikkoncerna l-piena u cioe' fejn l-esponenti kienu kkundannati sitt 6 xhur prigunerija u l-appellant Formosa kellu ordnat il-migja fis-sehh tas-sentenza sospiza tal-4 ta' Dicembru 2008 u tvarja dik il-parti billi tapplika piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz filwaqt li tikkonferma l-bqija tal-istess sentenza.

Rat illi s-sentenza fil-konfront ta' *omissis* ghaddiet in gudikat b'digriet ta' dezerzjoni tas-6 t' Ottubru, 2016 wara li naqas milli jidher ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti Francis Formosa.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti saljenti ta' dan il-kaz jirrigwardaw l-arrest tal-appellant, flimkien ma' persuni ohra, wara rapport maghmul lill-Pulizija Ezekuttiva li dawn kienu jinsabu gewwa vettura fil-parkegg fi Triq il-Kosta tas-Salini quddiem il-Hotel Coast Line. Dak il-hin l-appellant kien qieghed jiekol izda fil-vettura instabu diversi oggetti li komunement jintuzaw f'atti kriminuzi ta' serq, fosthom parankina gdida, tornavit, tlett pari ngwanti suwed, beritta, kalzetti u *pepper spray*. L-appellant u l-persuni l-ohra kienu mgharufa mal-Pulizija minhabba l-precedenti taghhom u ghalhekk ghaddew ghall-arrest taghhom.

2. Il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati inizzjalment kienu kontra tlett persuni izda wiehed minnhom, Alfred Zahra kien inghata

sentenza wara li ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u Ismael Haddewi kien instab hati bl-istess sentenza.

3. Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jikkwerela is-sentenza appellata fejn din sabet htija fl-ewwel imputazzjoni u dan fuq il-premessa illi l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta u/jew inkompleta tal-ligi meta ibbazat is-sejbien ta' htija "*unikament u semplicement*" fuq konfessjoni ta' ko-akkuzat. L-appellanti inoltre jargumentaw illi mill-provi migjuba ma setghetx tinstab htija ta' assocjazzjoni kriminuza mmirata lejn il-kommissjoni ta' serq aggravat;

4. Jibda biex jinghad in rigward illi l-appellant qieghed jirreferi ghal-Alfred Zahra, inizzjalment ko-akkuzat fil-proceduri odjerni, li tressaq minnu stess bhala xhud u mhux mill-prosekuzzjoni u dan wara li s-sentenza fil-konfront tieghu ghaddiet in gudikat. Zahra xehed illi dak kollu li instab fil-vettura tieghu kien jappartjeni lilu. Mistoqsi ghaliex ghazel li jammetti l-imputazzjonijiet wiegeb li ried jehles dik il-pendenza. Din il-Qorti ghalhekk ma tistghax tifhem l-ilment tal-appellanti meta kienu huma stess li pproducew lill-ko-akkuzat bhala xhud taghhom. Dan kien possibbli la darba l-proceduri kontra l-ko-akkuzat kienu konkluzi separatament minn dawk kontra taghhom. Jidher li l-iskop tad-difiza li tressaq lill-ko-akkuzat iggudikat quddiem il-Qorti tal-Ewwel Grad kien li dan, kif fil-fatt ghamel, ikkonferma illi l-oggetti kollha misjuba fil-vettura tieghu kienu jappartjenu lilu inkluz il-*pepper spray* li juza fuq ix-xoghol tieghu bhala *security* u li dawn kienu ilhom hemmhekk u nesihom fil-karozza. L-appellant jargumenta illi l-konfessjoni ta' Alfred Zahra ma ghadha ebda valur probatorju u ma ggib ebda konsegwenza kontra taghhom;

5. L-appellanti jargumentaw illi fil-mument meta Alfred Zahra rregistra ammissjoni kien ghadu ko-akkuzat u inoltre l-ewwel Qorti kienet skartat l-import tal-artikolu 661 tal-Kap 9 li jipprovdi li konfessjoni ta' terza persuna tghodd biss fil-konfront ta' min jaghmilha u ma tkun ta' ebda pregudizzju kontra persuna ohra. L-appellanti

m'ghandhomx ragun f'dan l-argument. Jibda biex jinghad illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghad-deposizzjoni ta' Alfred Zahra li ingieb bhala xhud mill-istess appellanti wara li l-kaz kontra tieghu kien konkluz. Inoltre, xhieda ta' ko-akkuzat jew ko-partecipi f'reat hija ammissibbli meta l-proceduri kontra dak il-persuna ikunu mitmuma. Fil-kawza Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Zammit et (App Krim deciz fil-31 ta' Lulju 1998 kien ritenut illi "*Persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingib bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dana l-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun akkuzata fl-istess kawza ta' l-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm ko-akkuzat fil-veru sens tal-kelma – sia jekk tkun giet akkuzata fi proceduri separati. Fi kliem il-kompjant Imhallef William Harding: Maltese law, in fact, section 632, Chapter 12 [illum 636, Kap 9], considers as incompetent to give evidence (except, of course, on his own behalf) anyone charged with the same offence in respect of which his deposition is required, unless the proceedings against him are put an end to … (P vs Alfred W Luck et App Krim 25/04/1949)*"

6. L-appellant jargumenta illi l-Ewwel Qorti bbazat id-decizzjoni taghha "*unikament u semplicement fuq konfessjoni ta' ko-akkuzat li allura kienet inammissibbli skond il-ligi fil-konfront taghhom*". Il-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-argument stante li mhu sorrett la minn ezami tas-sentenza appellata u wisq anqas mid-deposizzjoni tal-ko-akkuzat iggudikat separatament li anzi qaghad ferm u ferm attent fit-twegibiet tieghu anke in kontro-ezami u qatt ma ddikjara li huwa kien fil-vettura flimkien mal-appellanti bl-iskop li jiftiehmu u jippjanaw att kriminuz konsistenti f'serq aggravat. Ghal kuntrarju, mistoqsi direttament, wiegeb illi ma kien qed jippjana xejn mal-appellanti;

7. Isegwi ghalhekk li jkun konsiderat l-argument tal-appellant li l-provi akkolti ma kellhomx iwasslu lill-ewwel Qorti ghal-sejbien ta' htija

dwar l-ewwel imputazzjoni. Anke hawnhekk il-Qorti tqis illi l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha u ma tara xejn censurabbli in rigward. Ir-reat ravvizat fl-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali, dak tal-assocjazzjoni bl-ghan ta' kommissjoni ta' delitt, huwa differenti minn dak tal-attentat ta' reat ex artikolu 42 u tal-organizzazzjoni kriminuza ex artikolu 83A tal-Kodici Kriminali u l-elementi li jikkostitwuhom. Ir-reat tal-assocjazzjoni, li huwa wiehed mill-atti preparatorji ghar-rejat konsmat jew attentat u li ghalhekk jista' jirrizulta indipendentement mir-reat mahsub, jirrikjedi l-konkorrenza ta' tlett elementi: il-ftehim bejn tnejn minn nies jew aktar; l-intenzjoni li jsir ir-reat (specifikat u mhux wiehed generiku); u pjan ta' azzjoni miftiehem. Is-sejbien ta' htija o meno jitfa' oneru gravuz fuq il-Qorti biex tinterpreta mic-cirkostanzi kollha tal-kaz il-konkorrenza ta' dawn it-tlett elementi b'mod partikolari ghaliex ma hemmx dik il-prezunzjoni feroci bhala per ezempju fir-reat kontemplat fl-artikolu 287 tal-Kapitolu 9;

8. Fil-Kenny's OUTLINES OF CRIMINAL LAW –Ninth Ed, 1966 jinghad illi:

> **Pg. 101: But so far as the law of the present day is concerned the House of Lords has declared (a) that the gist of conspiracy is the agreement, whether or not the object is attained; and (b) that the purpose of making such agreements punishable is to prevent the commission of the substantive offence before it has even reached the stage of attempt, and (c) that is all part and parcel of the preservation of the Queen's peace within the realm.**
>
> **Pg 431: As to the evidence admissible, the principles are just the same for conspiracy as for other crimes. But owing to two precularities in the circumstances to which those principles are here applied, it often seems as if there were an unusual laxity in the modes of giving proof of an accusation of conspiracy. For (a) it rarely happens that the actual fact of the consipiring can be proved by direct evidence, since such agreements are usually entered into both swiftly and secretly. Hence they ordinarily can be proved only by an inference from the subsequent conduct of the**

**parties, in committing some overt act which tend so obviously toward the alleged unlawful result as to suggest that they must have arisen from an agreement to bring it about. Upon each of several isolated doings a conjectural interpretation is put; and from the aggregate of these interpretations an inference is drawn.**

9. Archbold – Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003 in rigward jghid:

**The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself .... Nothing may be done in pursuit of the agreement ...The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstance from this the jury may presume it. ...Proof of the existence of a conspiracy is generally a matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them.**

10. Fil-kaz odjern, l-appellanti kienu gewwa vettura parkeggjata b'mod illi thares lejn il-bahar b'daharha, ossia il-wara taghha, lejn it-triq. Fil-vettura, fil-portata tax-xufier u taz-zewg passiggiera, wiehed quddiem u wiehed wara, instabu ghodod li komunement jintuzaw fir-reat ta' serq. Dawn ma kienux ghodod fost ohrajn li jintuzaw f'xi sengha partikolari, izda li wahidhom huma idonei ghal-kommissjoni ta' serq aggravat bil-mezz la darba tajbin sabiex bihom isir zgass u bi vjolenza numerika la darba kienu tnejn jew aktar. Fil-kompartament tax-xufier kien hemm ingwanti, beritta u pepper spray u, fuq in-naha ta' quddiem tal-passiggier fejn kien bilqieghda Ismail Haddewi, kien hemm baskett li kien fih beritta, par kalzetti u flokk. Wara s-seat tax-xufier, allura fejn kien bilqieghda Francis Formosa kien hemm parankina u tornavit f'baskett tad-drapp;

11. L-ewwel Qorti, hadet dan kollu in konsiderazzjoni u ma emmnitx id-dikjarazzjoni ta' Alfred Zahra prodott mid-difiza li dawk l-oggetti kienu tieghu u mhux tal-appellanti l-ohra. L-ilment tal-appellanti li s-sejbien ta' htija kien ibbazat interament fuq il-fatti li Zahra kien precedentement ammetta ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ma jsib ebda akkoljiment

minn din il-Qorti. L-ewwel Qorti interpretat u inferiet mic-cirkostanzi kollha migjuba quddiemha illi bejn l-appellanti kien sehh ftehim li jwettqu r-reat ta' serq aggravat bil-mezz u bil-vjolenza numerika. Minn ezami akkurat tal-provi l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal-konkluzzjoni li wasslet ghaliha u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

12. It-tieni aggravju tal-appellanti jirrigwarda s-sejbien ta' htija dwar pussess ta' sustanza irritant u jargumentaw illi l-ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija fil-konfront taghhom la darba dawn instabu fil-vettura li tappartjeni lil Alfred Zahra u li kien ammetta li dawn kienu jappartjenu lilu. Huwa minnu illi Alfred Zahra xehed quddiem l-ewwel Qorti illi l-*pepper spray* kien jappartjeni lilu liema irritant kien juza fuq ix-xoghol tieghu bhala *security* dwar liema ma gab ebda prova. L-ewwel Qorti ma tat ebda kredenza ghall-din id-dikjarazzjoni u jidher illi waslet ghal konkluzzjoni illi la darba t-tlett persuni kienu jinsabu fl-istess vettura b'dik l-ghodda idoneja ghal-serq bi zgass allura r-responsabilita' tal-oggetti misjuba fl-istess karozza kellha tistrieh fuq it-tlieta li huma. L-ewwel Qorti kellha l-poter diskrezzjonali tikkonkludi liema hi c-cirkostanza l-aktar verosimili u din il-Qorti ma ssib xejn censurabbli in rigward;

13. Jilmenta l-appellant Francis Formosa illi l-ewwel Qorti kienet skorretta meta sabet htija fil-konfront tieghu dwar l-imputazzjoni ravvizata fl-artikolu 287 tal-Kapitolu 9, igifieri meta persuna b'kundanna precedenti ta' serq jinsab fil-pussess ta' ghodda tajba sabiex biha isir serq minghajr ma joffri kont sodisfacenti ta' kif dawk l-oggetti gew ghandu. Dwar dan, gia inghad illi hemm prezunzjoni feroci kontra kull min hekk jinsab f'tali cirkostanzi u jispetta lilu li jaghti kont sodisfacenti. L-oggetti kollha misjuba fil-vettura kienu ghodod komunement uzati u tajbin ghall-serq bi zgass. L-appellant ma offra ebda spjegazzjoni ta' kif gew f'idejh dawk l-oggetti u gia kellu kundanni dwar serq. L-appellant jistrieh fuq il-fatt illi Zahra xehed illi dawk l-oggetti kienu kollha tieghu u

l-ewwel Qorti ma emmnitx dik id-dikjarazzjoni. Anke hawn, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tirrimpjazzja d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti li setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

14. L-appellant jilmenta ukoll mill-piena erogata mill-ewwel Qorti. Francis Formosa jargumenta illi l-aggravju tieghu jemergi mill-ordni tal-ewwel Qorti li tqieghed fis-sehh t-terminu ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghall-erba' snin fl-4 ta' Dicembru 2008. Huwa jargumenta illi kien fadal 49 jum biss sabiex jiddekadi dak it-terminu. Inoltre huwa inzamm taht *house arrest* u dan kellu jkun konsiderat fil-kominazzjoni tal-piena. Din il-Qorti, izda ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti meta erogat il-piena la darba dik il-piena kienet fil-parametri tal-ligi u ma kienitx aktar minn dik stabbilita mil-ligi. L-fatt illi kien jonqos biss ftit gimghat sabiex jiddekorri l-perjodu ta' sospensjoni tas-sentenza ta' prigunerija ma jista' jkun ta' ebda konfort ghall-appellant.

15. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha.